# FERĦ LI JAĦSEB F'ĦADDIEĦOR

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Sofonija**
**Sof 3,14-18a**

Għajjat bil-ferħ ta' qalbek, bint Sijon,
infexx fil-hena u ifraħ b'qalbek kollha,
ja bint Ġerusalemm!
Neħħa l-Mulej minn fuqek is-sentenza
li kellek kontra tiegħek.
Is-Sultan ta' Israel, il-Mulej, hu f'nofsok;
ma jkollokx iżjed ħsara minn x'hiex tibża'!
Dak inhar igħidu lil Ġerusalem:
Tibżax, Sijon,
tħallix idejk jintelqu:
Il-Mulej, Alla tiegħek, qiegħed f'nofsok,
Gwerrier li jsalva;
minħabba fih jithenna b'hena kbir, fi mħabbtu jġeddek,
jinfexx minħabba fik f'għajjat ta' ferħ,
bħallikieku f'jum ta' festa.

**Il-Kelma ta' Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**SALM RESPONSORJALI**
**Is 12,2-6**
**Kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Iżrael.**

Alla hu s-salvazzjoni tiegħi;
jiena nittama u ma nibżax,
għax il-qawwa u l-għana tiegħi hu l-Mulej,
hu s-salvazzjoni tiegħi.
Kollkom ferħana,
timlew l-ilma mill-għejun tas-salvazzjoni.

**R/. Kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Iżrael.**

Għannu lill-Mulej, sejħu lil ismu,
għarrfu lill-ġnus l-egħġubijiet tiegħu,
xandru li ismu huwa fil-għoli.

**R/. Kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Iżrael.**

Għannu lill-Mulej għax għamel ħwejjeġ kbar;
ħa jkun dan magħruf min-nies kollha ta' l-art.
Aqbeż bil-ferħ, għanni,
int li tgħammar f'Sijon,
Għax kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Iżrael.

**R/. Kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Iżrael.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Filippin.**
**Fil 4,4-7**

Ħuti: Ifirħu dejjem fil-Mulej: nerġa' ngħidilkom, ifirħu. Il-ħlewwa tagħkom, ħa jkunu jafu biha l-bnedmin kollha. Il-Mulej qorob.
Tħabbtu raskom b'xejn. Fit-talb kollu tagħkom itolbu u uru lil Alla xi jkollkom bżonn, u iżżuh ħajr. U s-sliem ta' Alla, sliem li jgħaddi kull ma l-moħħ jista' jaħseb, iżommilkom qalbkom u moħħkom sħaħ fi Kristu.

**Il-Kelma ta'-Mulej.**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
L-Ispirtu tal-Mulej fuqi:
bagħatni nwassal il-Bxara t-Tajba lill-fqajrin.
**Hallelujah.**

**L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa**
**Lq 3,10-18**

F'dak iż-żmien: In-nies kienu jistaqsu 'l Ġwanni u jgħidulu: 'Mela x'għandna nagħmlu?' U hu kien iweġibhom u jgħid: 'Min għandu żewġ ilbiesi, jaqsam ma' min ma għandu xejn; u min għandu x'jiekol jagħmel l-istess.'
Resqu wkoll xi pubblikani biex jitgħammdu, u qalulu: 'Mgħallem, x'għandna nagħmlu aħna?' U hu weġibhom: 'Tissikkaw 'il ħadd biex jagħtikom taxxi iżjed milli jkollkom tieħdu.'
Staqsewh ukoll xi suldati u qalulu: 'U aħna, x'għandna nagħmlu?' Qalilhom: 'Tisirqu 'l ħadd bit-theddid jew bir-rapporti foloz tagħkom; ikkuntentaw ruħkom bil-paga li għandkom.'
Il-poplu kien qiegħed jistenna, u kulħadd kien jistaqsi lilu nnifsu f'qalbu dwar Ġwanni, jekk kienx hu l-Messija. Għalhekk Ġwanni qabad u qal lil kulħadd: 'Jien, ngħid għalija, ngħammidkom bl-ilma; imma ġej min hu aqwa minni, li jien ma jistħoqqlix inħoll il- qfieli tal-qorq tiegħu. Hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu u n-nar. Il-midra qiegħda f'idu, biex iderri l-qiegħa tiegħu u jiġbor il-qamħ fil-maħżen, imma t-tiben jaħarqu b'nar li ma jintefiex.'
U b'ħafna twissijiet oħra kien ixandar lill-poplu l-Bxara t-Tajba.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Tifħir lilek Kristu.**